

Brussell, 14 ta' Frar 2019
(OR. en)

6324/19

LIMITE

CADREFIN 80
RESPR 10
POLGEN 23
FIN 131

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 - Sitwazzjoni attwali

1. Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddiskuta abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar imħejji taħt il-Presidenza Awstrijaka¹.
2. Fl-14 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza Awstrijaka u appella lill-Presidenza Rumena biex tkompli dik il-ħidma u tiżviluppa orjentazzjoni għall-istadju li jmiss tan-negożjati, bil-ħsieb li jinkiseb qbil fil-Kunsill Ewropew tal-ħarifa tal-2019².
3. Fit-8 ta' Jannar 2019, il-Presidenza Rumena infurmat lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) bl-oġġettivi tagħha dwar il-futur tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), inkluż l-intenzjoni tagħha li tissimplifika l-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.
4. Fl-istess ġimgħa, il-Presidenza bdiet ħidma mad-delegazzjonijiet fil-livell tekniku biex tidentifika elementi, li jistgħu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar.

¹ dok. ST 14759/18

² dok. EUCO 17/18

5. Kien organizzat skambju ta' fehmiet fil-COREPER fis-6 ta' Frar 2019 fuq il-bażi ta' proposti dettaljati għal simplifikazzjonijiet possibbli mħejjija mill-Presidenza taħt ir-responsabbiltà tagħha stess³. Id-diskussjoni wriet l-importanza li jiġi segwit approċċ ibbilanċjat f'dan il-fajl, skont il-prinċipju ġenerali li "mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox."
6. Il-Presidenza ser tkompli l-ħidma biex jiġu identifikati soluzzjonijiet u jkomplu javvanzaw id-diskussjonijiet. Hija tqis li kemm id-diskussjonijiet tekniċi kif ukoll dawk politiċi ser ikunu meħtieġa sabiex tinkiseb is-simplifikazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar.
7. Għal dak il-għan, hija bdiet sensiela ta' laqgħat bilaterali mad-delegazzjonijiet, u ħejjiet programm ambizzjuż għall-ġimgħat li ġejjin kif deskritt fl-Anness. B'mod partikolari, id-diskussjoni tematika ser tikkontribwixxi għall-ħidma mwettqa mill-Presidenza biex tħejji verżjoni simplifikata tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar.
8. B'mod parallel, il-Presidenza ser tkompli bl-isforzi tagħha dwar il-proposti settorjali relatati mal-QFP sabiex jintlaħqu approċċi ġenerali parzjali fil-Kunsill fejn xieraq, u tavvanza l-ħidma mal-Parlament Ewropew kemm jista' jkun possibbli taħt din il-leġislatura.
9. F'dan il-kuntest, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jipprovdi gwida lill-Presidenza dwar il-programm ta' ħidma tiegħu, bl-objettiv tat-twettiq tal-inkarigu mill-Kunsill Ewropew;
 - jinkariga lill-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-QFP u lill-COREPER biex ikompli l-ħidma bil-ħsieb li titħejja verżjoni riveduta tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

³ dok. ST 5690/19

PROGRAMM TA' ĦIDMA PROVIŻORJU DWAR IL-QFP**Frar - Marzu 2019**

Dati	Laqgħa ippjanati
Frar	
Għaddejja	Laqgħat bilaterali fil-livell tekniku
06/02	COREPER: simplifikazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar
13/02	COREPER: Tħejjijiet għall-KAĠ
19/02	KAĠ: sitwazzjoni attwali u gwida għal aktar ħidma
22/02	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP (ġurnata sħiħa): – Dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà/strumenti speċjali/elementi orizzontali oħra (bħal regoli ta' diżimpenn)
Marzu	
01/03	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP: – Segwitu tal-laqgħa preċedenti (a.m.) – Kundizzjonalitajiet makroekonomiċi u s-Semestru Ewropew (p.m.)
07/03	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP: – Segwitu tal-laqgħa preċedenti (a.m.) – Integrazzjoni tat-tibdil fil-klima (p.m.) – Diskussjoni orizzontali dwar il-migrazzjoni (p.m.)
11/03	ORWP
12/03	KAĠ informali (Bukarest)
13/03	COREPER: Tħejjijiet għall-KAĠ; informazzjoni u diskussjonijiet fil-KAĠ informali
15/03	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP: – Segwitu tal-laqgħa preċedenti (a.m.) – Metodi ta' allokkazzjoni għall-agrikoltura u l-koeżjoni (p.m.)
19/03	KAĠ: dibattitu ta' orjentazzjoni
20/03	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP (a.m. biss): – Segwitu tal-laqgħa preċedenti – Stat tad-Dritt, inkluż il-preżentazzjoni tal-iskeda informattiva tal-COM
28/03	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-QFP: – Segwitu tal-laqgħa preċedenti (a.m.) – Dħul/Riżorsi proprji (p.m.)